# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tlieta, 13 ta' Lulju, 2021

**Kawża Nru. 8**

**Rik. Nru. 17/2021 ISB**

**Victor Seguna (ID No. 302580M) u**

**Anthony Seguna (ID No. 899948M)**

**vs**

**Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **Victor Seguna** (ID No. 302580M) u **Anthony Seguna** (ID No. 899948M), pprezentat fl-24 ta' Frar 2012, li permezz tiegħu huma jsostnu:-

Illi fit-18 ta' Mejju 1984 l-esponenti kienu kkostitwew *limited liability company* bl-isem ta` **Seguna Woodworks Co. Limited**, liema kumpanija kellha bhala numru ta` registrazzjoni C 6871 (*Memorandum and Articles* hawn anness bhala Dokument SEG 1).

Illi fit-22 ta' Dicembru 2015 Seguna Woodworks Co. Limited giet konvertita ghal *partnership en nom collectif* bl-isem **Seguna Woodworks & Co.**, liema *partnership en nom collectif* inghatat n-numru ta` registrazzjoni P 1613. Qieghdin jigu hawn annessi bhala Dokumenti SEG 2 u SEG 3 kopja ta` l-istatut tal-*partnership* u tac-certifikat ta` registrazzjoni in segwitu ghall-konverzjoni fuq imsemmija.

Illi qabel id-data ta' l-konverzjoni, Seguna Woodworks Co. Limited kienet xtrat u akkwistat is-segwenti proprjeta' immobbli, liema proprjeta' immobbli qatt ma giet trasferita minnha:

i. Permezz ta' att pubblikat min-Nutar Tonio Spiteri fis-16 ta' Ottubru 1984 (Dok. SEG 4 hawn anness) hija xtrat u akkwistat:

   (a) porzjon diviza ta' art fabbrikabbli formanti parti mill-ghalqa imsejha "Tal-Giebja", li tinsab f'Ghajn Dwieli Road, Cospicua, murija delinejata bil-lewn ahmar u indikata bin-numri 8, 9 u 10 fuq pjanta annessa ma' kuntratt pubblikat min-Nutar Paul Pullicino fit-22 ta' Ottubru 1980, tal-kejl superficjali kumplessiv ta' circa 609 metri kwadri, konfinanti min-nofsinhar ma' Ghajn Dwieli Road, mit-tramuntana ma' beni ta' Joseph Bezzina u mill-punent ma' beni ta' Antonio Piscopo, u

   (b) il-mezzanin numerat ufficjalment 142, Saint Joseph Street, Tarxien.

ii. Permezz ta' att ta' bejgh pubblikat min-Nutar Paul Pullicino fis-27 ta' Jannar 1987 (Dok. SEG 5 hawn anness) hija xtrat u akkwistat porzjon art fabbrikabbli delinejata bil-lewn ahmar fuq pjanta annessa mal-istess att li tinsab immarkata bl-ittra A, formanti parti mill-ghalqa "tal-Giebja", b' faccata fuq it-telgha ta' Ghajn Dwieli, Cospicua, tal-kejl ta' circa 190 metri kwadri, liema porzjon diviza ta' art tmiss mill-lvant ma' beni taghha stess, minn-nofsinhar mat-Telgha ta' Ghajn Dwieli u mill-punent ma' beni ta' Joseph Bezzina & Co.

Illi fl-20 ta' Lulju 2020 l-esponenti, fil-kwalita' taghhom ta' socji, qablu li l-partnership en nom collectif Seguna Woodworks & Co. (P1613) kellha tigi xolta. Kopja tal-Avviz ta` Xoljiment mibghut mill-esponenti lir-Registratur tas-Socjetajiet qieghed jigi hawn anness bhala Dokument SEG6.1 u SEG 6.2.

Illi l-*partnership en nom collectif* Seguna Woodworks & C0. giet xolta u kancellata mir-Registru tas-Socjetajiet fl-24 ta' Ottubru 2020 (Dokument SEG 7).

Illi recentement l-esponenti intebhu li bi zvista ta` min kienu inkarigaw sabiex jiehu hsieb il-process ta` stralc, il-proprjeta' immobbli fuq deskritta ma gietx inkluza bhala parti mid-devoluzzjoni tal-assi appartenenti lill-*partnership*,

anke jekk din il-proprjeta`, bhala konsegwenza tal-konverzjoni minn kumpannija ta` responsabilita` limitata ghal *partnership en nom collectif*, kienet saret proprjeta` ta` din ta` l-ahhar.

Illi ghaldaqstant sabiex l-istralc tal-*partnership en nom collectif* Seguna Woodworks & Co. jigi formalizzat skond il-ligi jehtieg li l-imsemmija proprjeta` immobbli tigi devoluta u ghalhekk assenjata lill-esponenti socji skont il-qbil taghhom dwar kif kellu jsir l-istralc.

Illi sabiex dan ikun jista' jsehh huwa mehtieg li l-isem tal-*partnership en nom collectif* Seguna Woodworks & Co. (P 1613) jigi restitwit fuq ir-Registru tas-Socjetajiet u l-istralc jerga` jinfetah biex jigi rettifikat u formalizzat skond il-ligi.

Illi din is-sitwazzjoni ma nholqitx b` konsegwenza ta` xi nuqqas da parti tal-esponenti li ghamlu dak kollu mistenni minnhom skond il-ligi.

Illi huwa llum guridikament pacifiku illi l-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta japplika wkoll ghar-restituzzjoni ta` isem ta` *partnerships,* apparti *limited liability companies.*

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghogobha tordna li isem il-*partnership en nom collectif* **Seguna Woodworks & Co.** bin-numru ta` registrazzjoni P 1613 jerga` jigi restitwit fuq ir-Registru tas-Socjetajiet u l-istralc tal-istess *partnership en nom collectif* jerga` jinfetah sabiex jigi rettifikat u formalizzat skond il-ligi, u dan salv dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportuni li taghti fic-cirkustanzi partikolari tal-kaz.

Rat **id-dokumenti** li kienu prezentati mar-rikors (fol 3 sa fol 27).

Rat **id-digriet** taghha kif dak in-nhar preseduta tal-5 ta` Marzu 2021 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tal-1 ta' Gunju 2021 fl-11:30am, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Registratur tal-Kumpanniji b'ghoxrin jum zmien ghar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fil-11 ta' Marzu 2021 (ara tergo ta` fol 29).

Rat illi fit-30 ta' Marzu 2021, ir-Registratur tal-Kumpanniji intimat ppresenta **ir-risposta** tieghu (fol 30), li permezz taghha, huwa sostna:

Illi in kwatu għall-meriti fattwali tal-kawża, peress illi l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kollha kif dikjarati mir-rikkorenti, huwa jirrimetti ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti.

Illi l-partnership in kwistjoni ġiet stabbilita b'riżultat ta' konverżjoni ta' kumpanija u sussegwentement ġiet ikkanċellata taħt id-disposizzjonijiet tal-

Att dwar il-Kumpaniji 1995.Illi fl-istess Att m'hemm l-ebda provediment illi jipprovdi għall-ftuħ u għar-rattifika tal-proċess ta'stralċ wara illi l-isem ta' partnership ikun ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.

Illi l-esponent ma jixtieqx illi jinħoloq preċedent abbużiv u perikoluż fejn is-soċji jibdew il-proċess ta' stralċ ta' *partnership* u jippreżentaw id-dokumentazzjoni finali għall-kanċellament tal-isem tal-*partnership* b'mod leġġer u qabel ma dawn ikunu aċċertaw ruħhom sew illi l-pendenzi u l -formalitajiet li titlob minnhom il-ligi ġew veramanet finalizzati. Dan għaliex ikunu taħt l-impressjoni komda,illi jekk wara tinqala il-ħtiega, jistgħu japplikaw il-Qorti sabiex jikkoreġu dak illi kien fid-dmir tagħhom illi jieħdu ħsieb qabel ma tintbagħat id-dokumentazzjoni għax-xoljiment u konsegwentament għat-tħassir tal-isem tas-soċjeta' minn fuq ir-Reġistru.

Dan premess jekk dina l-Onorabbli Qorti tħoss illi f'dan il-każ partikolari għandha tagħti xi forma ta' rimedju, dan għandu jiġi akkordat biss għar-raġunijiet u esiġenzi ta' ġustizzja u prattiċita' u kemm il-darba ma' jistax jiġi provdut rimedju iehor. Tali rimedju għandu jitqies bħala wieħed eċċezjonali u straordinarju u mhux wieħed illi jiġi aċċettat u akkordat faċilment.
Illi dan ir-rimedju m'għandux jitqies bħala wieħed illi jfejjaq kwalunke manifestazzjoni ta' traskuraġni jew negliġenza kommessi matul il-proċess ta' stralċ.

Illi l-esponent jixtieq umilment jissolleva illi kwalunkwe ftuħ tal-proċess ta' stralċ għandu jsir biss sabiex isiru l-formalitajiet kollha illi baqgħu ma sarux mill-azzjonisti u għall ebda skop iehor.

Illi kemm il-darba dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti dan ir-rimedju eċċezzjonali għandu jiġi akkordat bħala wieħed straordinarju u fuq parametri u termini ċari sabiex jiġi evitat kwalunkwe element ta' abbuż jew preġuddizju għal terzi persuni billi tiġi assikurata ċertezza dwar l-istatus tal-*partnership*. Għalhekk fis-sentenza għandhom jiġu stabbiliti proċeduri *ad hoc* u preċizi sabiex jiġu konklużi l-passi kollha meħtieġa sabiex ir-Reġistratur ikun jista' jipproċedi kemm jista' jkun malajr għat-tħassir definittiv tas-soċjeta' mir-Reġistru mingħajr ma l-affarijiet jittawlu mingħajr bżonn.

Bl-ispejjeż.

Rat illi fl-udjenza tal-1 ta' Gunju 2021, deher l-Avukat Paul Farrugia ghar-rikorrenti u dehret l-Avukat Claudette Fenech ghar-Registratur tal-Kumpanniji, li minn naha taghha gharrfet lill-qorti illi in vista ta' gurisprudenza hija ma kinitx qed tinsisti fuq it-tieni paragrafu tar-Risposta tar-Registratur tal-Kumpanniji.

Rat illi l-kawza thalliet ghall-llum ghall-provvediment.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirrizulta mill-atti illi fit-18 ta' Mejju 1984, ir-rikorrenti kienu rregistraw kumpanija kummercjali b'responsabbilita' limitata bl-isem ta' Seguna Woodworks Co. Limited li kienet iggib in-numru C-6871. Sussegwentament, l-istess rikorrenti kkonvertew l-istess kumpannija kummercjali f'*partnership en nom collectif* bl-isem ta' **Seguna Woodworks & Co** bin-numru P1613 fit-22 ta' Dicembru 2015.

Gara illi qabel ma saret din il-konverzjoni, b'kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri tas-16 ta' Ottubru 1984 u iehor fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino tas-27 ta' Jannar 1987, il-kumpannija kummercjali msemmija kienet xtrat u akkwistat proprjeta' immobbli f'Cospicua (bicca art u mezzanin) u f'Hal Tarxien (bicca art). Dawn iz-zewg proprjetajiet kienu gew devoluti minn fuq Seguna Woodworks Co. Limited (C-6871) ghal fuq Seguna Woodworks & Co (P-1613) b'rizultat ta' din il-konverzjoni.

Izda meta fl-20 ta' Lulju 2020, ir-rikorrenti qabblu illi jxolju ukoll l-*partnerhip en nom collectif* Seguna Woodworks & Co., bi zvista, fil-process ta' stralc thallew barra dawn iz-zewg proprjetajiet msemmija u l-*partnerhip en nom collectif* kienet xjolta u kkancellata minn fuq ir-Registru fl-24 ta' Ottubru 2020.

Illi in segwitu ghal dak li gara u l-ommissjoni da parti tal-persuna inkarigata mill-istralc ta' Seguna Woodworks & Co, jirrizulta issa illi r-rikorrenti ghandhom interess illi l-partnership *en nom collectif* Seguna Woodworks & Co (P-1613) terga' tigi restitiwita fuq ir-Registru sabiex jerga' jinfetah l-istralc taghha u jkunu inkluzi l-proprjetajiet msemmija fir-rikors promotur, ossia :

iii. Permezz ta' att pubblikat min-Nutar Tonio Spiteri fis-16 ta' Ottubru 1984 (Dok. SEG 4 hawn anness) hija xtrat u akkwistat:

(a) porzjon diviza ta' art fabbrikabbli formanti parti mill-ghalqa imsejha "Tal-Giebja", li tinsab f'Ghajn Dwieli Road, Cospicua, murija delinejata bil-lewn ahmar u indikata bin-numri 8, 9 u 10 fuq pjanta annessa ma' kuntratt pubblikat min-Nutar Paul Pullicino fit-22 ta' Ottubru 1980, tal-kejl superficjali kumplessiv ta' circa 609 metri kwadri, konfinanti min-nofsinhar ma' Ghajn Dwieli Road, mit-tramuntana ma' beni ta' Joseph Bezzina u mill-punent ma' beni ta' Antonio Piscopo, u

(b) il-mezzanin numerat ufficjalment 142, Saint Joseph Street, Tarxien.

iv. Permezz ta' att ta' bejgh pubblikat min-Nutar Paul Pullicino fis-27 ta' Jannar 1987 (Dok. SEG 5 hawn anness) hija xtrat u akkwistat porzjon art fabbrikabbli delinejata bil-lewn ahmar fuq pjanta annessa mal-istess att li tinsab immarkata bl-ittra A, formanti parti mill-ghalqa "tal-Giebja", b' faccata fuq it-telgha ta' Ghajn Dwieli, Cospicua, tal-kejl ta' circa 190 metri kwadri, liema porzjon diviza ta' art tmiss mill-lvant ma' beni taghha stess, minn-nofsinhar mat-Telgha ta' Ghajn Dwieli u mill-punent ma' beni ta' Joseph Bezzina & Co.

Illi l-posizzjoni li ha r-Registratur tal-Kumpanniji tista' titqies wahda pjuttost newtrali izda ferma, partikolarment wara li ma nsistiex dwar it-tieni paragrafu tar-risposta. Huwa altru milli korrett ir-Registratur ighid u jsostni illi meta jkun hemm stralc, ghandu jithares u jigi assikurat minn min hu interessat, illi jkun accertat illi l-assi kollha jkunu inkluzi fil-process ta' stralc u li dan ghandu jsir qabel ma jigu pprezentati d-dokumentazzjoni finali ghal kancellament. Dan jevita certament lok ghal abbuz.

Huwa f'dan il-kuntest illi r-Registratur tal-Kumpanniji jinsisti illi jekk din il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, allura dan isir fuq parametri u termini cari sabiex jigi evitat kwalsiasi element ta' abbuz jew pregudizzju ghal terzi persuni, anke in vista tal-fatt illi dan huwa rimedju eccezzjonali.

Ghalkemm ir-Registratur intimat ma nsistiex dwar it-tieni paragrafu tieghu, din il-qorti xorta sejra taghmel referenza ghall-provvediment taghha (qorti kif diversamet preseduta) fil-kaz, **Rikors Nru. 6/19 JZM**[1] - meta ghamlet referenza ghal decizjoni tal-Qorti tal-Appell fl-imsijiet **Francis Mifsud et vs X** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta` Frar 2015:

> *Fis-sentenza li taghha, il-Qorti tal-Appell inter alia qalet hekk :- … l-Ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha li tichad it-talba tar-rikorrenti ghab-bazi tal-fatt illi ma jezistix artikolu ad hoc fl-Att dwar il-Kumpanija li jipprovdi rimedju ghas-socjetajiet f'isem kollettiv li huwa analogu ghal dak kontemplat fl-Artikolu 325 tal-Att imsemmi li jipprovdi dan ir-rimedju ghal kumpaniji.*
>
> *Dik il-Qorti qalet li darba li l-Legislatur ipprovda rimedju biss ghall-kumpaniji, l-istess rimedju ma jistax jigi estiz ghal sitwazzjonijiet ohra. Fil-principju, dan l-ahhar kumment tal-ewwel Qorti hu korrett, pero`, f'dan il-kaz ghandna sitwazzjoni fejn dan ir-rimedju, fil-kuntest ta' socjeta` en nom collectif li tkun giet imhassra, inghata mill-qrati, u dan ir-rimedju ma giex imhassar mil-Legislatur avvolja kellu kull opportunita` li jaghmel dan. Fil-fatt, fil-kawza **Abela v. Cachia**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Marzu 2003,*

[1] Rikors ta` **Edward Micallef** [Karta ta` Identita` Numru : 306748(M)] u **John Vella** [Karta ta` Identita` Numru : 876248(M)] – deciz fit-30 ta' Mejju 2019

*kienet ukoll saret talba biex socjeta` en nom collectif terga' titqieghed fuq ir-registru tal-kumpaniji avolja kienet giet imhassra u t-talba giet milqugha.*

*Dik il-Qorti qalet hekk fuq in-nuqqas tal-ligi li tipprovdi rimedju ghat-talbiet imressqa: "Ghar-rigward tal-meritu, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, fis-sentenza li tat f'din il-kawza fit-28 ta' Gunju, 2001, kienet irriservat il-posizzjoni taghha dwar kemm hu possibli li socjeta' "struck off" minn fuq ir-Registru tal-Kumpaniji setghet tigi ravvivata. F'decizjoni moghtija mill-Onorabbli 6 Qorti tal-Appell fil-kawza "**Dr. Leslie Grech vs Registratur tas-Socjetajiet**" fid-9 ta' Ottubru, 1979, kien gie deciz li, fil-ligi taghna, ma kienx possibli li socjeta' li tkun giet dissolved tigi risucitata. Maz-zmien, pero', jidher li kien hemm ripensament, u l-istess kwistjoni giet studjata funditus minn din il-Qorti fil-kawza "**Mayflower Co. Ltd. et vs Registratur tas-Socjetajiet**" deciza fit-22 ta' Jannar, 1999, u din il-Qorti kienet accettat it-teorija ta' Gower, hemm kwotat, li*

> *"A contrast between the death of an individual and that of a company is that, without divine intervention, but merely by an order of the Court, a dissolved company can be resurrected".*

*Dan l-ahhar insenjament gie abbraccjat minn din il-Qorti fil-kawza "**Migdal Insurance Co. Ltd et vs Paul Mizzi noe**" deciza fit-18 ta' Mejju, 2001, fejn intqal li kumpanija tista', fl-interess tal-kredituri, terga' titqieghed fuq ir-registru tal-kumpaniji avolja tkun giet imhassra. "Il-possibilta' li kumpanija mhassra terga' titqieghed fuq ir-Registru, gie implicitament rikonoxxut mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "**Barbara vs El Ferghani**", deciza fil-5 ta' Ottubru, 2001, fejn gie deciz li jekk amalgamazzjoni ta' zewg kumpaniji tigi dikjarata nulla, l-istess zewg kumpaniji jergghu jiehdu listat taghhom."*

*Fil-fatt, fil-kawza **Migdal Insurance Co. Ltd v. Mizzi noe**, deciza wkoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Mejju 2001, kien intqal hekk fil-kuntest tar-rimedju mitlub: "Fil-fehma tal-qorti, il-fatt li l-ligi ma tipprovdix ghal rimedju espressament ma jfissirx li rimedju ma jinghatax, kif inghata fil-kaz ta' Mayflower Property Co. Ltd jekk jintwera li hemm l-elementi kollha mehtiega. Jidher li, ghalkemm id-dottrina ma hix unanimi, din hija wkoll il-fehma prevalenti tal-gurisprudenza fl-interpretazzjoni tal-ligi Taljana li kienet il-mudell ghad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali fejn din tirregola x-xoljiment u l-istralc.*

Dan kollu qed jinghad ghall-konfort tal-qorti imma ukoll tal-partijiet dwar ghaliex qed issir referenza ghall-Artiklu hawn taht citat u l-applikabilita' tieghu ghal kaz odjern. Din il-Qorti sejra, fil-kuntest tad-decizjoni taghha fl-eventwalita' illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, tapplika rigorozament il-provvediment hawn citat.

**Art. 300B tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

> *(1) Meta kumpanija tkun tħassret minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna hi li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ.*
>
> *(2) Meta, fuq rikors magħmul taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tkun sodisfatta li l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija jkun vizzjat bi frodi jew b'illegalità ta' natura materjali, il-Qorti tista' tordna li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ għal dawk ir-raġunijiet u għal dak iż-żmien li l-Qorti tispeċifika fid-deċiżjoni tagħha, u l-Qorti għandha tagħti dawk id-direttivi u timponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq.*
>
> *(3) Il-Qorti għandha tilqa' t-talba biss jekk tkun sodisfatta li dak ikun l-uniku rimedju li jkun hemm.*

Il-Qorti tibda biex tghid illi ma hemm xejn fl-atti illi ghandu jew jista' jindika illi l-proprjetajiet msemmija fir-rikors promotur thallew barra mill-istralc tal-*partnership en nom collectiv* Seguna Woodworks & Co (P 1613) ghal ragunijiet ohra ghajr ghax bi zvista/zball. Di piu`, huwa bil-wisq car u evidenti illi l-ommissjoni tal-proprjetajiet msemmija mill-istralc msemmi jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali. Finalment, illi l-Qorti thoss illi l-uniku mod sabiex jigu likwidati l-proprjetajiet msemmija fir-rikors huwa billi jintlaqa' ir-rikors promotur odjern.

Il-**Professur Andrew Muscat** ighid:

> *A liquidator who, whether negligently or fraudulently, fails to take into account a pending claim* (hawnekk assi attivi)*, will, it is submitted, have acted unlawfully. After all, in terms of general principles of law, a person who does not use prudence, diligence and attention of a bonus parter familias and causes damage as a result is deemed to have acted unlawfully. Moreover a liquidator is clearly bound by law to take into account all pending claims against the company* (daqstant iehor kull ass attiv)*, and if*

*he fails to do so trhough negligence, imprudence or want of attention he should also be deemed to have acted unlawfully.*[2]

**Ghaldaqstant**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ccitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun giust u ekwu illi tqis illi l-ommissjoni tal-proprjetajiet msemmija fir-rikors promotur fil-procedura tal-istralc tal-*partnership en nom collectif* Seguna Woodworks & Co (P1613) kienet illegali u tikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali u ghalhekk ser tghaddi biex takkolja it-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u cirkostanzi li l-Qorti giet mgharrfa bihom, din il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet dedotti fir-rikors promotur kif hawn taht spjegat:

1. **Fl-ewwel lok**, il-qorti trid taghmilha cara li bil-fatt illi sejra tordna li l-isem tal-*partnership en nom collectif* Seguna Woodworks & Co (P1613) jerga` jidhol fir-Registru, dan bl-ebda mod ma ghandu jfisser li bhal donnu l-qorti tat jew qed taghti xi *carte blanche* lill-partnership de quo u/jew lill-ufficjali taghha sabiex dak li ma sarx tajjeb u skont il-ligi fil-passat qabel sar it-thassir tal-isem taghha, ghajr dak hawn deciz, jigi ratifikat.

2. **Fit-tieni lok** tordna li l-isem **Seguna Woodworks & Co (P1613)** jerga` jidhol fir-Registru tas-Socjetajiet kif mitlub u bil-kundizzjonijiet hawn maghmula.

3. **Fit-tielet lok**, tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex sa xahar mid-data tal-llum, l-isem **Seguna Woodworks & Co (P1613)** jerga` jidhol fir-Registru tas-Socjetajiet u jsiru dawk il-formalitajiet kollha necessarji u skond il-ligi.

4. **Fir-raba' lok**, tordna, illi l-isem ta' **Seguna Woodworks & Co (P1613)** jitpogga lura fuq tali Registru tas-Socjetajiet biss u ghal finijiet illi jigi konkluz l-istralc taghha fit-termini ta' dan il-provvediment.

5. **Fil-hames lok** tordna illi din ir-restituzzjoni isir ghall-perjodu sakemm is-socjeta` **Seguna Woodworks & Co (P1613)** tillikwida jew tiddisponi, bi kwalsiasi mod, mill-proprjeta' hawn taht deskritta:

[2] Principles of Maltese Company Law, Second Edition, Vol I, pg 46

(a) porzjon diviza ta' art fabbrikabbli formanti parti mill-ghalqa imsejha "Tal-Giebja", li tinsab f'Ghajn Dwieli Road, Cospicua, murija delinejata bil-lewn ahmar u indikata bin-numri 8, 9 u 10 fuq pjanta annessa ma' kuntratt pubblikat min-Nutar Paul Pullicino fit-22 ta' Ottubru 1980, tal-kejl superficjali kumplessiv ta' circa 609 metri kwadri, konfinanti min-nofsinhar ma' Ghajn Dwieli Road, mit-tramuntana ma' beni ta' Joseph Bezzina u mill-punent ma' beni ta' Antonio Piscopo, (**DOK SEG 4** mar-rikors promotur) u

(b) il-mezzanin numerat ufficjalment 142, Saint Joseph Street, Tarxien (**DOK SEG 4** mar-rikors promotur).

(c) porzjon ta' art fabbrikabbli delinejata bil-lewn ahmar fuq pjanta annessa mal-att ta' bejgh pubblikat min-Nutar Paul Pullicino fis-27 ta' Jannar 1987, li tinsab immarkata bl-ittra A, formanti parti mill-ghalqa "tal-Giebja", b'faccata fuq it-telgha ta' Ghajn Dwieli, Cospicua, tal-kejl ta' circa 190 metri kwadri, liema porzjon diviza ta' art tmiss mill-lvant ma' beni taghha stess, minn-nofsinhar mat-Telgha ta' Ghajn Dwieli u mill-punent ma' beni ta' Joseph Bezzina & Co. (**DOK SEG 5** mar-rikors promotur),

**<u>imma fi kwalunkwe kaz</u>**, ghall-perjodu illi ma jeccedix il-hames (5) snin mid-data li titpogga lura fuq ir-Registru.

6. **Fis-sitt lok**, tordna illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Registratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-*partnership en nom collectif* **Seguna Woodworks & Co (P1613)** fuq ir-Registru tas-Socjetajiet ikunu a karigu tar-rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**